MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 873/2004

**International Automobiles Limited**

**Vs**

**Enrico u Veronica Nardelli**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm285.80c (mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti hames (5) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenuti, u li skadew fid-9 ta' Dicembru 2003, fid-9 ta' Jannar 2004, fid-9 ta' Frar 2004, fid-9 ta' Marzu 2004 u fid-9 t'April 2004 izda baqghu ma thallsux.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fil-31 ta’ Mejju, 2004 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici koncernanti l-kap ta’ l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------